***- ANNULLAMENT TAZ-ZWIEG -***

***– ART 19 (1) (C) (D) (F) – ATT DWAR IZ-ZWIEG; KAP 255 -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 1**
**Citazzjoni Numru: 1962/99/RCP**

**Anthony Gallo**

**vs**

**Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Victor Buhagiar li b'digriet tat-12 ta' Ottubru 1999 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Sheila Gallo**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ccelebraw iz-zwieg b'rit civili fl-15 ta' April, 1999 (Dok."A".);

Illi l-kunsens ta' l-attur inkiser b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet essenzjali jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens ta' l-attur inkiser bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;
Illi l-istess attur ghalhekk talab li l-istess konvenuti *nomine* jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg celebrat minnhom b'rit civili fil-15 ta' April, 1999, huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *nomine* ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 8 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti tat-12 t'Ottubru 1999 fejn Dr Anthony Cutajar u l-PL Victor Bugeja gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Sheila Gallo fl-atti tal-kawza.

Rat il-verbali tad-19 ta' Mejju 2000, tat-12 ta' Gunju 2000 u tas-7 ta' Novembru 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati tas-27 ta' Novembru 2000 fejn gie eccepit:

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 25 tal-process.

Rat il-verbali tal-11 ta' Dicembru 2000.

Rat is-seduti kollha mizmuma mill-Perit Legali Sandra Sladden, id-dokumenti hemm esebiti u x-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat il-verbali tat-18 ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi nghalqu, ghalhekk il-kawza giet differita ghar-rapport ghad-19 ta' Settembru 2001.

Rat ir-rikors tal-Perit Legali tat-18 ta' Settembru 2001 fejn talbet li tigi awtorizzata li tahlef ir-rapport fir-registru.

Rat il-verbal tad-19 ta' Settembru 2001 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 672 tal-Kap 12 awtorizzat lill-Perit Legali biex tahlef ir-relazzjoni fir-Registru b'dan illi t-talba ghal hatra ta' periti addizzjonali ghandu jiddekorri skond kif stabbilit fis-subartikolu 2 tal-Artikolu 677. Il-kawza giet differita ghall-20 ta' Novembru 2001.

Rat ix-xhieda u seduti mizmuma mill-istess perit legali.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali mahluf fir-Registru fit-22 ta' Novembru 2001, a fol 61 sa 75 tal-process.

Rat il-verbali tal-20 ta' Novembru 2001, tat-3 ta' Dicembru 2001, tat-8 ta' Jannar 2002, tad-19 ta' Frar 2002 u tas-17 ta' April 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u Dr. Anthony Cutajar irrimetta ruhhu ghar-rapport, fil-waqt li Dr. Leon Bencini imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-28 ta' Mejju 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. TALBA ODJERNA.

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jallega li z-zwieg tal-15 ta' April 1999 bejn il-kontendenti huwa null peress li (a) l-kunsens ta' l-attur inkiser b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga; (b) il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet essenzjali jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg; (c) Illi l-kunsens ta' l-attur inkiser bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi ma jidhirx li l-konvenuta *tramite* l-kuraturi deputati li qed jirraprezentaw ipprovdiet eccezzjonijiet ghall-istess talba, pero' gie ritenut diversi drabi li anke f'kaz ta' nuqqas ta' kontestazzjoni w addirittura f'kazijiet fejn ikun hemm ammissjoni xorta wahda jrid jigi stabbilit li hemm bazi reali u legali sabiex tigi milqugha t-talba attrici ghall-annullament taz-zwieg.

Illi nfatti fil-kawza fl-ismijiet **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) inghad illi:-

*"Illi qabel xejn ghandu jigi osservat li f'din il-kawza l-konvenuta tidher li qed tammetti ghat-talbiet attrici, izda kif gie ritenut fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia (A.C. 15 ta' Jannar, 2002 - Citaz. Nru: 165/95/VDG"** anke fil-kaz ta' "ammissjoni ta' xi talba jew ohra, din il-Qorti ma kienetx tkun ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, (Prim'Awla, 4 ta' Novembru 1994); **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri",** (Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 1995); **"Evelyn Agius vs John Borg"**, (Prim'Awla, 4 ta' Ottubru 1995); **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, (Prim'Awla, 10 ta' Novembru 1995**); "Isabelle Zarb vs Stephen Attard"**, (Prim'Awla, 21 ta' Novembru 1995); **"Terrence Richard vs Maria Concetta Richard nee' Goodlip"**, (Prim'Awla, 22 ta' Frar 1996); **"Alfred Tonna vs Maria Tonna"**, (Prim'Awla, 31 ta' Jannar 1996); **"Bernardette Debono xebba Gauci vs Mario Debono"**, (Prim'Awla, 16 ta' Settembru 1996)".*

## B. Konsiderazzjonijiet ta' Dritt u Fatt.

Illi fl-ewwel premessa tac-citazzjoni l-attur jghid li l-kunsens tieghu nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, liema

premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fit-tieni premessa tac-citazzjoni l-attur qal li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fit-tielet premessa tac-citazzjoni, l-attur qal illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-drift ghall-att taz-zwieg, liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1)(c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1**) *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga***;**

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha*

*impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita taz-zwieg *o meno* taht dawn it-tlett sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid iIli z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda miIl-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** miIl-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta il-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju **"***supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* .

Illi ghalhekk mhux bizzejjed li tkun taf x'inhu z-zwieg izda jrid ikun hemm ukoll il-maturita' li tippermetti persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha l-hajja mizzewga. Fil-kaz *in dezamina*, il-kontendenti kellhom gherusija ta' xhur, pero' minn dawn is-seba' xhur ghamlu biss hames xhur fizikament flimkien il-konvenuta, li hija ta' nazzjonalita` Skocciza, giet Malta ghal btala ta' gimghatejn f'Settembru tan-1998 u hawnhekk bdiet ir-retazzjoni; regghet giet ghal gimghatejn f'Ottubru tan-1998; fil-21 ta' Jannar tan-1999 regghet giet Malta u baqghet hawnhekk sakemm izzewgu fil-15 ta' April tal-1999.

Illi ghalhekk l-gherusija tat-kontendenti damet biss erba' xhur u dan ifissser li bejn l-gherusija u z-zwieg il-kontendenti lanqas biss ghamlu sena flimkien. Ghalhekk minn kif giet deskritta l-gherusija, ma jidhirx li kien hemm xi preparazzjoni ghaz-zwieg; ma jidhirx li qatt tkellmu fuq il-hajja mizzewga u fuq familja. L-attur kellu 46 sena u l-konvenuta kellha 42 sena. Kienu iqattghu hafna mill-hin liberu taghhom fil-*Highlander Pub* peress li l-hanut kien ta' habib taghhom Victor Deguara.

Illi fil-fatt, dan Victor Deguara kien ilu jaf lill-konvenuta minn qabel ma hija bdiet tohrog mall-konvenut peress li kienet giet Malta ghal btala darbtejn ohra, darba mal-hbieb u darba ma' ommha, u dejjem qadet fil-flat li kien jikrilha li jinsab fuq il-*Highlander Pub*. Victor Deguara jiddiskrivi lill-attrici bhala mara ta' karattru laxk u li ma kellha l-ebda inibizzjonijiet ta' xejn. Kienet tisfida lill-irgiel biex jilghabu l-

*billiard* maghha u jekk tirbah tnezzahhom. Kienet dejjem tikxef saqajha u tpoggi b'mod provokattiv hafna. Kien mohha biex taqbad mall-irgiel. *Di piu*, kienet thobb tixrob u tisker.

Illi dan ix-xhud jghid li kemm il-darba wissa lill-attur biex ma jghaggilx, izda l-attur kien imgennen warajha u l-konvenuta kienet turi affezzjoni lejn l-attur. Habib iehor tal-kontendenti, Mario Caruana, li mieghu u mat-tfajla tieghu kienu johorgu hafna bhala koppja, jghid illi kienu jidhru ferhanin flimkien u hi kienet iggib ruhha sew, ghalkemm mill-bidu nett kien induna li thobb tixrob. Anki oht l-attur, Rose Zahra xehdet illi l-konvenuta kienet tidher li thobbu lill-attur u kienet tatha impressjoni tajba.

Illi l-attur stess xehed li fl-erba' xhur li ghamlu jghixu flimkien qabel ma zzewgu, kollox kien miexi sew; kienet issajjarlu u tifrah bih kif jasal mix-xoghol u r-relazzjoni sesswali taghhom kienet wahda tajba. *Nonostante* dan, anki l-attur isemmi ncident li jaghti 'ndikazzjoni cara tal-karattru tal-attrici — darba minnhom kienu l-*Highlander Pub* u l-konvenuta qalet lill-attur li sejra mixja fit-8.00p.m.. Irritornat lura l-Pub x'fis-1.00.a.m. fis-sakra u b'mohha maqsum.

Illi pero' l-affarijiet jidher illi nbidlu jew ahjar marru ghal l-aghar hekk kif izzewgu. Gimghatejn wara li zzewgu, il-konvenuta marret torqod go kamra tas-sodda ohra, u ir-relazzjonijiet sesswali taghhom spiccaw bl-iskuza li issa

ghandhom l-eta. Waqfet issajjar u tahsel il-hwejjeg u bdew jiggieldu ta' spiss. Dan gie kkonfermat minn Victor Deguara li ghamel xi hmistax jahdem id-dar tal-attur granet shah, peress li huwa wkoll mastrudaxxa, u qatt ma ra lill-konvenuta ssajjar u kemm il-darba ra lil oht l-attur tohodlu il-hwejjeg biex tahsilhom. Fil-fatt anki oht l-attur xehdet illi wara li zzewgu hi kienet tahsel il-hwejjeg tal-attur.

Illi wara xi xahar u nofs taz-zwieg, l-attur xehed illi kienu ma' xi hbieb jiehdu kafe' u ra lill-konvenuta tmiss b'idejha sieq wiehed li kien maghhom, certu David. Dan l-incident gie wkoll ikkonfermat minn Victor Deguara li xehed illi kienu fil-Pub tieghu u kien ra id ta' ragel fuq kuxtejha u taghha fuq kuxtejh. Wara l-Pub kienu marru flimkien ghall-kafe` u *breakfast* San Gwann u hemmhekk rega' ra lill-konvenuta u dan ir-ragel jghamlu l-istess. Hawnekk kien induna l-attur u kien qal lill-Victor Deguara biex iwasslu d-dar dak il-hin stess.

Illi l-affarijiet jidher li ggravaw hekk kif f'Lulju, giet it-tifla tal-konvenuta. Kienu johorgu flimkien jixorbu kuljum u jirritornaw d-dar kmieni filghodu. Victor Deguara xehed illi mhux l-ewwel darba illi kienu jkunu l-Pub tieghu u l-konvenuta u t-tifla, f'xi t-3.00.a.m. jew l-4.00.a.m. kienu jridu jmorru id-disco, *nonostante* l-fatt illi l-attur kien jghidilhom li hu l-ghada xoghol.

Illi jidher illi l-ahhar incident gara fil-festa ta' San Gaetanu, f'Awissu, fejn il-konvenuta w it-tifla taghha telghu fuq

spallejn xi irgiel jiccelebraw f'nofs il-marc. Ghalkemm l-attur wissihom biex jinzlu u jmorru d-dar, dawn injorawh u fil-fatt l-attur telaq id-dar wahdu. Dan l-incident gie kkonfermat minn Mario Caruana li kien maghhom. Meta l-konvenuta u t-tifla taghha rritornaw d-dar kienu fis-sakra u l-attur qal lit-tifla tal-konvenuta titlaq mid-dar. Maghha telqet ukoll il-konvenuta ghax qalet li jekk titlaq it-tifla titlaq hi wkoll. Minn dakinhar, l-attur qatt ma rega' ra jew sema' bil-konvenuta. Anke Victor Deguara, Mario Caruana u Rose Zahra xehdu illi minn dak inhar qatt ma rawha aktar lill-konvenuta.

Illi l-atturipprezenta bhala Dok. "B" kopja ta' ittra mibghuta lill-konvenuta minn certu 'Don' minn Barnsley, fejn qieghed jirrispondi ghall-ittra li baghtitlu l-konvenuta. Jidher car illi l-konvenuta kienet qaltlu li m'hijiex kuntenta Malta u m'hijiex kuntenta fiz-zwieg. Giet ipprezentata mill-attur ittra ohra bhala Dok. "SS1", miktuba mill-konvenuta, fejn ukoll tesprimi l-iskuntentezza taghha. Dawn iz-zewg ittri huma l-unika evidenza li ghandha quddiema l-Qorti dwar l-emozzjonijiet u l-hsibijiet tal-konvenuta, peress illi l-konvenuta ma tinsabx Malta u ghalhekk ma xehditx.

Illi mix-xhieda kollha mressqa, l-perit legali Dr. Sandra Sladden sostniet is-segwenti :-

*"Illi l-esponenti tikkonkludi illi ghalkemm il-kontendenti ma hasbu xejn qabel ma zzewgu dwar l-istitut taz-zwieg u r-responsabilitajiet li jgib mieghu, filwaqt illi l-attur jidher li ried jghix il-hajja mizzewga u ried jghix ta' ragel*

*mizzewweg, il-konvenuta baqghet tghix ta' xebba u mill-bidu nett u ma haditx iz-zwieg bis-serjeta` - donnu izzewget biex tibqa' tghix Malta u tara kif tmur. Kif tispjega* ***Dr. Abigail Attard*** *fit-tezi taghha* ***"Grounds of annulment of marriages with special reference to defects of*** *a* ***psychological nature in the light of the 1981 amendments to the Marriage Act, 1975",*** *(fol.59):-*

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage…..... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity……"*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard in 'l'immaturite' et le consentement matrimonial*** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti*:-*

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the*

*couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dik is-sentenza, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' **Viladrich**-:

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a*

*unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring. (Viladrich, P.J. Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (Vidadrich, P.J. Op. Cit., p. 687).

Illi ghalhekk mill-provi migbura u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti hija tal-fehma li bhal ma kkonkludiet l-istess Perit Legali Dr. Sandra Sladden li jezistu verament ragunijiet ghall-annullament taz-zwieg in ezami skond l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** fil-kuntest tal-kunsens tal-konvenuta u mhux tal-attur, *stante* li l-kunsens tal-istess konvenuta jidher li kien vizzjat b'difett serju ta diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu*", jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ippruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine*".** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett

taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att posittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912) :-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi l-istess perit legali sostniet li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali*

*tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg.

Illi ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga",* u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A.(NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied.* L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"Consortium Vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubilita` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilita' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. Edwards Hudson** (op.cit p164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, **D.J. Burns,** fii-kummentarju tieghu (D.J. Burns, **Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary.** Pg.151) jghid li *"it*

*is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi ghalhekk din il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti mill-partijiet fir-rigward, taqbel mal-Perit Legali Dr. Sandra Sladden li tezisti simulazzjoni parzjaii taht l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** *stante* li l-*'consortium vitae',* kif fuq spjegat kien totalment nieqes u eskluz mill-konvenuta.

Illi ghal dak li jikkoncerna **l-artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255,** il-legislatur specifika li l-qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra trid tkun tali li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga bhal per ezempju persuna li ma tghidx lill persuna li ser tizzewweg li kienet diga mizzewga, jew li iddivorzjata jew li dipendenti fuq id-droga u oggetti simili. *Di piu`*, din il-persuna li tkun qed tahbi dawn il-fatti trid tghamilha bl-intenzjoni li tqarraq bis-sieheb jew siehba taghha. Illi din il-Qorti taqbel ukoll mal-istess perit legali li mill-provi prodotti u migbura fil-kaz odjern, **is-subartikolu (c) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap 255** ma jirrizultax li gie sodisfatt.

Illi ghalhekk l-istess perit legali abbazi ta' dawn ir-rizultanzi kkonkludiet hekk fir-relazzjoni taghha:-

*"(1) L-ewwel talba tal-attur u cioe' li z-zwieg huwa null stante illi l-kunsens tal-attur inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga u dan ai termini tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** m'ghandhiex tigi milqugha.*

*(2) It-tieni talba tal-attur, u cioe' illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali taghha ai termini tal-artikolu **19(1) (d)** ghandha tigi milqugha bi htija tal-konvenuta. Ghalhekk il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali taghha.*

*(3) It-tielet talba tal-attur, u cioe' li z-zwieg huwa null stante illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan ai termini tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta Malta**, ghandha tigi milqugha pero` fuq il-bazi ta' simulazzjoni parzjali u mhux totali".*

Illi din il-Qorti taqbel mal-istess konkluzjonijiet peritali u ghalhekk prevja li tikonnferma l-istess u taddotta r-relazzjoni peritali bhala taghha, tilqa' t-talbiet attrici ghar-ragunijiet premessi u limitatament ghal dak fuq indikat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess jikkontrastaw mat-talba attrici, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg celebrat bejn Anthony Gallo u Sheila Gallo b'rit civili fil-15 ta' April, 1999, huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Mejju 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Mejju 2002**